MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 437/2007

**IT & T Limited (C26874)**

**Vs**

**Jesmond Sultana I.D. 442072 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Mejju 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u wiehed u hamsin Euro u tmintax Euro centezmi (€151.18) ekwivalenti ghal erbgha u sittin Liri Maltin (Lm64.90), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2008, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u wiehed u hamsin Euro u tmintax Euro centezmi (€151.18) ekwivalenti ghal erbgha u sittin Liri Maltin (Lm64.90), bl-imghax legali kif mitlub fl-Avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba li ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------